MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1065/2003

**AB**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat fil-15 ta’ Ottubru 2003;

Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh fit-23 ta’ Novembru 2004 [fol.24 tergo];

Rat li fl-ewwel udjenza wara din id-data, fit-2 ta’ Frar 2005, dehret il-konvenuta u nformat lil Qorti li ghadha ma gietx assenjata Avukat tal-Ghajnuna Legali [fol.25];

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenuta fis-27 ta’ April 2005 tramite l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores nominat bhala Avukat tal-ghajnuna legali biex jassisti lill-attrici f’

dawn il-proceduri; li permezz tieghu l-konvenuta talbet li tiggustifika l-kontumacja taghha fil-proceduri odjerni [fol.28];

Semghet ix-xhieda tal-konvenuta;

Ikkunsidrat;

In tema legali hija opportuna l-osservazzjoni maghmula mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza *Rev.Mikiel Degiovanni vs Doris Cossai [2000][Vol.LXXXIV.II.893]* fis-sens li l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut….. u hija din id-disubbidjenza animata psikologikament b' dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali.

Ghalhekk meta Qorti tigi kkonfrontata b' kontumacja formali, u ma jkollhiex il-konvinzjoni certa u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi ffurmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta' sitwazzjoni fejn il-konvenut ser jigi kkundannat fl-assenza ta' difiza.

Illi ezami tal-atti tal-kaz juru li ma kienx hemm non kuranza manifestatnti kontumelja u dispett da parti tal-konvenut; izda piuttost jidher li kien hemm disgwid minn naha tal-konvenuta dwar l-identita' tal-Avukat ta' l-Ghajnuna Legali fil-kawza odjerna. Il-konvenuta tghid li meta rceviet il-karti mill-Qorti hija marret ghand Avukati ohra, identifikati minnha b' isimhom nominati f' kawzi ohra taghha, li sussegwentement qalulha li ma kienux gew nominati fil-kaz odjern. Konsegwenza ta' dan, saru l-proceduri mehtiega ghan-nomina ta' Avukat ghal kaz odjern, u gie nominat Dr.Renzo Porsella Flores fl-10 ta' Marzu 2005

Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz il-Qorti ma thoss li huwa gust li tippriva lill-konvenuta mid-dritt tad-difiza shiha tal-kaz taghha.

Ghaldaqstant it-talba tal-konvenuta timmerita li tigi milqugha, u ghalhekk tilqa’ t-talba taghha kontenuta fir-rikors precitat u tawtorizzaha tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fiz-zmien ghoxrin gurnata millum.

Tordna li kopja ta’ din id-decizjoni tigi komunikata lill-***Avukat Dottor Renzo Porsella Flores***.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------